MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 227/2004

**HSBC BANK MALTA plc (C.3177)**

**vs**

**NORTH SEA FIBREGLASS LIMTIED, debitur prinċipali u Ali Eia EZABE u martu Charmiane EZABE**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-2 t'April, 2004, li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet:

Illi s-soċjeta' North Sea Fibreglass Limited hija debitriċi tal-Bank attur fl-ammont ta' tletin elf, sitt mija u żewġ liri u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm30,602.74,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu għal Lm27,535.55c0 bilanċ ta' self (Loan Account numru "027-063627-300) u l-bilanċ ta' Lm3067.19,0 imgħax fuq l-istess ammont sas-16 t'April 2003 kif jidher mill-Istatement hawn anness Dok. A;

Illi s-soċjeta' North Sea Fibreglass Limited hija debitriċi ukoll tal-Bank attur fl-ammont ta' ħamest elef disa' mija u tlieta u tmenin lira u ħamsa u tmenin ċenteżmu, (Lm5983.85,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu għal Lm5487.15,0 bilanċ fil-kont kurrent (Rescheduled Overdraft Account numru "027-063627-341") u l-bilanċ ta' Lm496.70c0 imgħax fuq l-istess ammont sas-16 t'April 2003 kif jidher mill-Istatement hawn anness Dok. B;

Illi s-soċjeta' North Sea Fibreglass Limited hija debitriċi ukoll tal-Bank attur fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u sebgħin lira u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm23,573.28,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu għal Lm22,664.23,0 bilanċ fil-kont kurrent (Rescheduled Overdraft Account numru "027-063627-342") u l-bilanċ ta' Lm909.05,0 imgħax fuq l-istess ammont sas-16 t'April 2003 kif jidher mill-Istatement hawn anness Dok. C;

Illi għalhekk is-soċjeta' konvenuta North Sea Fibreglass Limited hija debitriċi lejn il-Bank attur fl-ammont globali ta' sittin elf mija u disgħa u ħamsin lira u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm60,159.87) rappreżentanti in kwantu għal Lm55,686.93c0 kapital u l-bilanċ ta' Lm4472.94c0 imgħax fuq l-istess kapital sas-16 t'April 2003 kif qabel spjegat;

Illi l-konvenuti Ali Eia Ezabe u Charmaine Ezabe ikkostitwew ruħhom garanti solidali mal-imsemmija kumpannija debitriċi prinċipali favur il-Bank attur kif jidher minn seba' (7) Guarantee Forms hawn annessi bħala Dokumenti D, E, F, G, H, I u J;

Illi l-konvenuti għalkemm interpellati għal ħlas baqgħu inadempjenti;

Illi l-kreditu tal-Bank attur fis-somma ta' Lm60,159.87,0 hu ċert, likwidu u esiġibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti ma għandhom l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawża kontra t-talba tiegħu għal ħlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit tal-P.L. Jonathan de Maria, ir-rappreżentant tal-Bank attur hawn anness Dok. X;

Għalhekk il-Bank attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. M'għandhiex dina l-Qorti tagħti s-sentenza u tilqa' t-talba tal-Bank attur bla ma tgħaddi għas-smigħ tal-kawża kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); u

2. Hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti kollha solidalment bejniethom iħallsu lill-istess Bank attur is-somma globali ta' Lm60,159.87,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imgħax fuq l-imsemmija somma mis-17 t'April 2003 sal-pagament effettiv bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma u r-rappreżentanti ġuridiċi tagħhom minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddeċiedi li taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ skond l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12;

**Tilqa' t-tieni talba** billi tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment benjiethom, biex iħallsu lill-bank attur is-

somma ta’ sittin elf, mija u disgħa u ħamsin lira maltin u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm60,159.87);

**Tikkundanna lill-imħarrkin** iħallsu l-ispejjeż tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma imsemmija, b’effett mis-17 t’April, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------